XGHAJRA

Minuti tal-28 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 3 ta' Jannar, 2012 , fis-6.00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis |
| | Mario Buhagiar |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kullħadd preżenti

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda - Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija mis-Sindku u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija

   3.1. L-applikazzjoni ta' l-ERDF – Il-proċess għadu għaddej u għadna qed nistennew mingħand il-PPCD.

   3.2. Rigward l-istallazzjoni tal-Pannelli Fotovoltajiċi fil-Fortizza, s-Sindku qal illi l-Perit bagħtilna stima tat-travi li jridu jitwaħħlu fuqhom il-pannelli. Ġie propost li l-pannelli jitpoġġew fuq is-saqaf tal-faċilitajiet sanitarji jekk huwa possibbli. Għalhelkk irridu nistaqsu lill-Alberta Ltd. sabiex naraw dan hux possibbli.

   3.3. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni taċ-Childcare ser talaq din il-ġimgħa u s'issa ma kellna lil ħadd interessat minħabba li min japplika jintbagħat fi skejjel oħra tal-madwar u tkun problema għalihom minħabba li mhux kulħadd għandu l-vettura personali.

XGHAJRA

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

4.1. Dik il-korrispondenza t'importanza ġiet moqrija.

5. Item Nru 5. fuq l-Aġenda – Ġie approvat u ratifikat l-infieq tax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2011

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Għoti tal-*Performance Bonuses* lill-Ħaddiema

6.1. Il-Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sindku li l-impjegati kollha tal-Kunsill jingħataw l-Performance Bonuses "in full", fuq ħidma sodisfaċenti ħafna. Fil-każ ta' l-Aġent Segretarju, s-Sindku javża lid-dipartiment għall-approvazzjoni.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

7.1. Irċevejna ittra min għand is-Sur Adrian Mifsud, l-HR Manager tad-Dipartiment fejn talabna update ta' f'hiex wasalna fil-proċess. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill kollu sabiex jiġu maħtura propju l-Kunsilliera kollha bħala l-bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' din il-kariga. Ġie deċiż li noħorġu immedjatament is-sejħa għal din il-kariga fejn tintbagħat lill-Kunsilli kollha biex naraw hemmx Segretarji eżistenti nteressati. Ġie deċiż ukoll li din is-sejħa talaq fit-<u>13 ta' Jannar, 2012</u> f'nofsinhar.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Progress Sports/Recreational Centre

8.1. Irċevejna kont ġdid mingħand il-Perit u meta jitħallas dan ikun baqa' biss €32,000 għad disposizzjoni tagħna minn dak l-ammont li reċevejna skond l-MOU. Jibqalna wkoll l-ammont ta' €32,000 permezz tal-UIF liema ammont jappartieni għall-Playing Field equipment u landscaping. Nhar il-Ħamis is-Sindku qal li ġej il-Perit sabiex nitkellmu fid-dettal fuq dan.

9.Item Nru 10 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

9.1. MOU –Ġie deċiż li napplikaw għal fondi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali marbuta mar- restawr ta' postijiet storiċi li fil-każ tagħna hija l-Batterija delle Grazie. Kien sar rapport (parti mill-MOU) tar-restawr ta'dan is-sit u tajjeb li nibbazaw fuq dan ir-rapport.

9.2. Xgħajra Tornadoes – Is-Sindku fakkar biex issir l-ittra lil tal-football sabiex ikollhom il-go ahead mill-Kunsill u jkunu jistgħu jipproċedu u jagħmlu r-reklami.

9.3. SSTP – Is-Sindku qal li l-Steering Committee li jmiss huwa fl-10 ta' Jannar u hemm ser jgħidulna jekk hux ser jitħallas ir-rapport li sar mill-Profs. Axiak ta' l-ilma tal-Kosta. Ġie suġġerit minn Claire Decelis sabiex nitolbu l-Minuti ta' dawn l-Steering Committees. Dawn ser jiltaqgħu kull xahrejn.

9.4. Storm Water Outfall – Is-Sindku qal li morna quddiem il-Bord tal-MEPA u ġie deċiż li jsir lejn iż-Żonqor għaliex qiegħed aktar l-isfel u li jkollhom aktar ilma li jinġabar. Apparti hekk indunaw li ser tiġi inqas bħala spiża. Il-post eżatt huwa f'Żonqor Point, post li jsmu d-Duħħan. Jidher li hija ċara li issa ser isir hemm u għalhekk tajjeb li nagħmlu write-up fuq il-website. Il-Kunsill tax-Xgħajra baqa' dejjem jinsisti li r-residenti tax-Xgħajra kif ukoll il-lokal innifsu, m'għandhomx jiġu mgħobbija b'dawn il-proġetti li m'humiex għal ġid tagħhom.

9.5. Town Twinning – Is-sindku staqsa fuq ir-rapport li għamilna sabiex nieħdu l-flus lura ta' €5,000. Is-Sinj. Decelis qaltlu li r-rapport intbagħat fil-ħin u qiegħed jiġi evalwat. Ms. Decelis kompliet u qalet li l-applikazzjoni li għamlu l-Kunsill ta' Colletorto sabiex jilqawna fil-villaġġ tagħhom ġiet milqugħha u ser immorru bejn it-8 u t-18 t'Awwissu, 2012.

11. Item Nru 11 fuq l-Aġenda – Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta , 7 ta' Frar, 2012 fis-6.00pm

------------------------------------ ----------------------------

Segretarju Eżekuttiv Sindku